MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1330/2003

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Maria Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Lulju 2003, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija u sittax Liri Maltin (Lm916.00), rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' tmin mija u tmenin Lira Maltin (Lm880.00) bhala prezz ghall-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta' sitta u tletin Lira Maltin (Lm36.00) bhala imghaxijiet legali dovuti mill-konvenuta fuq l-istess sad-data tal-lum.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mil-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Philip Magri in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija u sittax Liri Maltin (Lm916.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------